# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju 2023**

**Avviż numru: 5/2019 BS**

**Tabone Glass Limited**

**-vs-**

**George Zammit u Karen Zammit**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviż tas-soċjeta attriċi Tabone Glass Limited fejn talbet lil konvenuti George Zammit u Karen Zammit jghidu l-ghaliex m'għandhomx ikunu kkundannata: Thallsu l-ammont ta' disat elef, tmien mija u tmienja u erbghin Euro u tnax-il centezmu (€ 9,848.12) rapprezentanti provvista ta' xoghol, materjal, u servizzi li gew provduti u rezi lilkom fuq inkarigu taghkom stess.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-2 ta' Awwissu, 2018, tal-Ittra Ufficcjali ai termini tal-Art. 166A Numru 94/2018 hawn annessi u mmarkati bhala /2019 ipprezentat Dok. A u Dok. B, tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. kontestwalment u bl-imghaxijiet skond il-Ligi kontra taghkom kif minn issa intom ingunti in subbizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenuti George u Karen Zammit illi eċċepew;**

1. Illi fir-rigward tal-ammont ta' sebat elef sitt mija u tmienja u erbghin ewro u tmienja u tmenin ewro centezmi (€ 7,648.88) mill-ammont reklamat dan kien dovut u fil-fatt l-esponenti kienu ilhom li hallsu dan l-ammont lis-socjeta rikorrenti sa minn Marzu 2019 u cioe hames (5) xhur qabel saret din il-kawza;

2. Illi ghar-rigward il-bilanc ta' elfejn mija u disgha u disghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€ 2,199.24) dan l-ammont mhux dovut stante li s-socjeta rikorrenti qatt ma issupplixxiet dan ix-xoghol lill-esponenti u dan skont kif sejjer jirrizulta fil-kors ta' smiegh ta' din il-kawza. Infatti l-fatturi relattivi ghal dan l-ammont kuntrarju ghall-fatturi li jirreferu ghall-ammont li taghhom l-esponenti gia hallsu - mhumiex iffirmati mill-esponenti u lanqas mir-rapprezentanti taghhom;

3. Illi per konsegwenza l-esponenti m'għandhomx ibatu spejjez ta' din l-istanza u lanqas jigu ikkundannati jhallsu xi interessi.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti kollha.

Rat in-nota ta riduzzjoni ppreżentata mill-atturi waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2022.[1]

Rat li l-atturi iddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2022.[2]

---

[1] A fol 107 tal-process
[2] A fol 108 tal-process

Rat li l-konvenuti għalqu l-provi tagħhom fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2022.[3]

Rat li fis-seduta tad-9 ta Frar, 2023 il-partijiet iddikjaraw illi l-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza bil-fakulta li jiġu ppreżentati noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li fl-istess seduta il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat.**

**Preliminari**

Permezz ta' din il-kawża s-soċjeta attriċi qed tippretendi l-ħlas tas-somma € 2,199.24[4] minn għand il-konvenuti liema somma tirrappreżenta ħlas għal xogħol, materjal u servizzi mogħtija mis-soċjeta attriċi. L-istess attriċi tinsisti li hija bagħtet ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 Liġijiet ta' Malta, nhar it-2 ta' Awwissu, 2018 u talbet anke il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kawtela tal-pretensjonji tagħha kontra l-konvenuti.

Il-konvenuti irrispinġew il-pretensjonijiet attriċi u fir-risposta tagħhom jgħidu li huma ġia ħallsu dak kollu dovut. Jgħidu li ma hu dovut l-ebda bilanċ u jinsistu li l-*delivery notes* li magħdudin flimkien jwasslu għal ammont pretiż mis-soċjeta attriċi la huma iffirmati minnhom u lanqas minn rappreżentanti tagħhom.

[3] A fol 112 tal-process
[4] Dan wara li giet ipprezentata nota ta riduzzjoni waqt is-seduta tas-17 ra Gunju, 2022 – A fol 107 tal-process

**Xhieda.**

Saviour Tabone, in rappreżentanza tas-Soċjetà attriċi xehed permezz ta' affidavit.[5] Huwa jgħid li l-kumpanija tiegħu tagħmel xogħol fil-ħġieġ u xogħol ieħor relatat miegħu. Lill-konvenuti jafhom għax joperaw negozju 'Woodlab' fi Triq l-Industrija, Xewkija, ta' xogħlijiet relatati ma' għamara. Darba minnhom l-konvenut George Zammit avviċina lill-attur sabiex jibda jaħdimlu xogħlijiet għan-negozju tiegħu. Fil-bidu kien iħallas mill-ewwel. Wara żmien beda jittratieni biex iħallas wara li jieħu x-xogħol u b'hekk il-kontijiet bdew jiżdiedu.

Wara li ra li l-kontijiet intelgħu sostanzjalment, sabiex jgħin lill-konvenut fil-ħlasijiet pendenti u jiġu paċuti, iddeċieda li jordna sett tas-sodda. Bi ftehim bejn il-partijiet il-ħlas inqata' ma' parti mill-ammont dovut lill-kumpanija rikorrenti. Ix-xogħol baqa' għaddej u r-relazzjonijiet ta' bejniethom baqgħet kontinwa. Ix-xogħol kien jiġi ordnat permezz bit-telefon u meta jkun lest ix-xogħol Tabone kien jinforma lil Zammit. Zammit jew il-ħaddiema tiegħu kienu jmorru jiġbru x-xogħol flimkien mad-*delivery note* minn min ikun ġabar ix-xogħol. Ix-xogħol dejjem sar sew u fil-ħin skont il-ftehim bejn il-partijiet.

Min-naħa ta' Tabone, kien ifakkar lil Zammit dwar il-kontijiet pendenti kull darba li dan kien jordna x-xogħol. Zammit kien iwieġbu li jiġu ssetiljati aktar tard. Iżda minkejja l-insistenza ta' Tabone ma' Zammit, il-kontijiet baqgħu mhux imħallsin tant li telgħu madwar € 10,000. Tabone beda jinduna Zammit kien qiegħed jaqta' ftit ftit u kultant anke jfittex ix-xagħra fil-għaġina.

Tabone kien kostrett li jibgħat ittra uffiċjali lil Zammit wara numru ta' tentattivi. Sussegwentament Zammit għamel kuntatt mal-Avukat ta' Tabone sabiex jibgħatlu l-fatturi u dan bagħthomlu. Zammit talab għal aktar żmien. Huwa xorta rrifjuta li jħallas minkejja li Tabone bagħtlu ittra uffiċjali bil-proċedura tal-Art.166A f'Ottubru 2018. Wara dan kollu Zammit ħallas parti mill-kontijiet pendenti b'żewġ ċekkijiet ta' € 3,824.44 tramite l-Avukat ta' Saviour Tabone f'Ottubru 2019.

[5] A fol.23.

**Laura Tabone** hija direttur ma' żewġha d-direttur fis-Soċjetà attriċi.[6] Il-kumpanija tagħmel kull tip ta' xogħol konness mal-ħġieġ. Lill-konvenut, George Zammit, tafu għax kien jordna x-xogħol minn għandhom u jiġi jiġbru hu jew il-ħaddiema tiegħu. Zammit ma kienx iħallas kull darba li jiġi. Il-kontijiet jaħdmuhom hija u r-raġel. Allura kienu jagħmlu *delivery note* li x-xogħol ikun ħadu. Meta kien jitla' il-kont, Zammit daqqa jħallas u daqqa le.

Ix-xhud tikkonferma Dok.B li huma l-fattura u d-*delivery notes*.[7] Il-paġni minn 59 sa 67 huma *delivery notes* li kienet tagħti meta r-rikorrenti jew il-ħaddiema tiegħu kienu jiġbru x-xogħol. Fihom hemm deskritt it-tip ta' xogħol li jkun sar fil-ħġieġ. Meta jinġabar kien ikun hemm ħaddiem minn tal-kumpanija jsegwi l-ġbir tax-xogħol. Meta l-ammont dovut kien jitla' Tabone kienu jgħidu lil Zammit sabiex jaqtgħu xi ħaġa minnu u Zammit kien jaqta' parti minnu.

Ix-xhud tikkonferma l-kontenut tal-affidavit ta' żewġha, Saviour Tabone.[8]

**Inkontro-eżami**[9] tikkonferma li € 7,648.88 mill-ammont mitlub mertu tal-kawża diġà tħallas. Il-kwistjoni hija dwar is-somma pendenti ta' madwar € 2,200. Il-ħlas sar permezz ta' żewġ ċekkijiet li ssarrfu wara li nfetħet il-kawża u tgħid li ma tafx għal liema raġuni ma kinux issarrfu ċ-ċekkijiet.

Ix-xhud, **Robert Tabone**,[10] jgħid li kien għamel żmien jaħdem mal-kumpanija attriċi. Jgħid ukoll li ilu nieqes minn hemm madwar 5 jew 6 snin. Huwa kien jaħdem fuq il-ħġieġ, jagħmel il-karti u jżomm il-flus ukoll. Jgħid li lill-konvenuti jafhom għax Zammit kien mastrudaxxa u jmur jaqta' il-ħġieġ il-fabbrika tagħhom. Huwa qatt ma għamel kontijiet.

Jispejga li min kien jiġi bil-flus kien jħallas lilu. Huwa pero ma jiftakarx jekk kienx iżomm notament għax ilu ħafna żmien. Jgħid li ġieli l-ordnijiet ta' xogħol isiru miegħu jew mal-imgħallem skont min jinzerta fuq ix-xogħol.

---

[6] A fol.71.
[7] A fol.25 sa 67.
[8] A fol.23.
[9] A fol.76.
[10] A fol.88.

Muri d-dokumenti esebiti, ix-xhud jgħid li m'hemmx dokumenti minn tiegħu. Lanqas ma kien jagħmilhom hu l-karti. Jikkonferma li d-*delivery notes* a fol. 59, 60, 61, 62 u 63 huma kitba minn tiegħu. Jikkonferma li l-kitba ċara hija tiegħu pero ma jiftakarx f'liema stadju tax-xogħol kienet issir il-kitba fuq id-*delivery note*.

Il-konvenut George Zammit xehed permezz ta' affidavit[11]. Huwa jgħid li huwa mastrudaxxa u jeżerċita l-kummerċ taħt l-isem 'Woodlab Creative Woodwork.' Bħala parti mix-xogħol ikollu bżonn il-ħġieġ. Għal xi żmien kien jixtri l-ħġieġ mingħand Tabone Glass Limited.

Jinsisti li m'għandu jagħti xejn flus lis-Soċjetà attriċi għax dejjem ħallas. Jgħid li ġieli mar jiġbor il-ħġieġ hu nnifsu jew il-ħaddiema tiegħu u meta kien jmur jiġbor ix-xogħol, huwa kien jiffirma l-fattura u jħallas madwar xahar jew xahrejn wara.

Jgħid li huma ssorprendew irwieħhom meta f'Ottubru 2019 irċevew kawża mill-Qorti mingħand is-Soċjetà attriċi fejn intalab jagħti l-ammont dovut ta' € 9,848.12.

Jisħaq li dan l-ammont mhux korrett għal żewġ raġunijiet:- Il-bilanċ dovut wara l-aħħar xogħol kien ta' € 7,648.88 u huma ħallsu xhur qabel ma nfetħet il-kawża. Infatti f'Ġunju 2022, l-Avukat tas-Soċjetà attriċi ippreżenta nota quddiem il-Qorti li huwa kien ħallas dan l-ammont. U għalhekk l-attriċi qed tgħid li kien għad fadallu jħallas l-ammont ta' €2,199.24, iżda huma bħala konvenuti jinsistu li l-attriċi ma hix korretta.

Jtenni li x-xogħol qatt ma ordnah hu nnifsu u lanqas il-ħaddiema tiegħu. Prova ta' dan hija l-fattura li hija datata 13 ta' Frar 2018 li tirrappreżenta dan l-ammont li mhix iffirmata mill-intimati u lanqas minn xi ħaddiema minn tiegħu. Hemm 18-il *delivery note* li ebda waħda minnhom ma fiha data u lanqas huma ffirmati mill-konvenuti jew minn xi ħaddiem ieħor.

Jgħid ukoll li l-fatturi li flimkien jammontaw għal € 7,648.88 kienu ffirmati mill-konvenuti għax ix-xogħol kien ordnat minnhom. Jinsisti li t-18-il *delivery notes* li jinsabu annessi mal-affidavit ta' Saviour Tabone huwa ma jafx bihom u żgur li m'għandhom ebda konnessjoni miegħu.

[11] A fol.110.

**Ikkunsidrat.**

Il-Qorti fliet l-atti bir-reqqa senjatament il-fatturi kollha ippreżentati kif ukoll id-*delivery notes*. Tinnota li filwaqt li l-fatturi kollha fihom data ben preċiża, lista ta' l-oġġetti li jridu jitħallsu kif ukoll il-firma tal-klijent, id-*delivery notes* huma mingħajr data u l-firma tal-klijent hija nieqsa. Barra minn hekk mid-dokument esebit a fol 58 tal-proċess jirriżulta li d-*delivery notes* intbagħtu lill-konvenuti bil-posta.

Il-konvenuti jinsistu li huma ħallsu l-ammont dovut skond il-fatturi u jgħidu li ma hux dovut minnhom l-ammont li jirriżulta mid-*delivery notes*. Infatti il-kuntrast bejn is-soċjeta attriċi u l-konvenuti ma hux illi dawn ta' l-aħħar qed jikkontestaw illi ma kienx hemm relazzjoni ġuridika bejnhom u l-atturi iżda li d-*delivery notes* esebiti mis-soċjeta attriċi ma fihomx il-firma tal-konvenuti u għalhekk ma jistgħux jaċċettaw illi huma ġew ikkonsenjati l-oġġetti msemmija fl-istess *delivery notes*.

Minn analiżi tal-provi kollha hija tal-fehma ta' din il-Qorti li l-attriċi naqset li tressaq il-prova konvinċenti li l-oġġetti elenkali fid-*delivery notes* ġew effettivament mgħoddija lill-konvenuti u dan għas-sempliċi raġuni illi jekk huwa minnu li l-oġġetti għaddew f'idejn il-konvenuti x'inhi r-raġuni li l-ebda waħda minn dawn in-*notes* ma ġiet iffirmata mill-konvenuti jew ħaddiema tagħhom, u għaliex id-*delivery notes* intbagħtu bil-posta meta minnha nnifisha *delivery note* hija dokument li jgħaddi għand ix-xerrej mill-venditur mall-konsenja tal-oġġett mixtri ?

Għalhekk tenut kont li l-oġġettiv ta' *delivery note* huwa li jservi ta' prova li saret il-konsenja tal-oġġetti imniżżlin fl-istess nota, u tenut kont lid-*delivery notes* ippreżentati għandhom kemm id-data kif ukoll il-firma tal-klijent nieqsa allura din il-Qorti hija tal-konvinċiment li l-valur probatorju ta' dawn id-dokumenti huwa imminat billi mill-istess dokument ma jirriżultax li l-klijent aċċetta li qed jirċievi dawk l-oġġetti u għalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li l-konsenja effettivament saret. Fi kliem sempliċi ma hemmx prova li l-konsenja tal-oġġetti saret u ġia la darba din il-prova kruċjali ma nġabitx din il-Qorti ma tistax

tgħaddi biex issib lill-konvenuti responsabbli għal ħlas tas-somma mnaqqsa pretiża mis-soċjeta attriċi.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad it-talba attriċi.

**Deċide**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għar-raġunijiet ġia espressi l-Qorti qed taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi tiżħad it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż jkunu a karigu tas-soċjeta attriċi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur